**12 ta' Awissu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

AIC Frank Grixti Soler u b'digriet ta' l-20 ta' Mejju, 1985, *stante* l-mewt ta' l-attur, il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' Claudia mart Dr. Godfrey Sant; Patrick Grixti Soler kemm *proprio* u għan-nom ta' l-assenti Albert, Anthony u Norman Grixti Soler, u May armla tal-Perit Frank Grixti Soler

*versus*

Segretarju tad-Djar u b'nota tas-6 ta' Frar, 1992, id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, assuma l-atti tal-kawża minflok is-Segretarju tad-Djar, u Carmelo Scicluna

## Notifika ta' Petizzjoni lill-Appellat

*L-appell għandu jitqies deżert għax fil-konfront ta' wieħed mill-appellati, kien innotifikat aktar minn sena wara d-data tal-petizzjoni.*

Il-Qorti: –

1. Din l-Ordinanza tal-Qorti qed tingħata a bażi tal-fatti segwenti:

(a) Is-sentenza fil-kawża, ġiet ippronunzjata mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**6 ta' Frar, 1992**;

(b) L-atturi ppreżentaw Nota ta' Appell fis-**17 ta' Frar, 1992**; u l-konsegwenti Petizzjoni fl-**4 ta' Marzu, 1992**;

(ċ) Il-konvenut Segretarju tad-Djar (illum Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali) ġie nnotifikat bil-Petizzjoni fil-**5 ta' Marzu, 1992**, filwaqt illi l-konvenut Carmelo Scicluna ġie nnotifikat fil-**21 ta' Marzu, 1994** – tant illi rrisponda fit-**23 ta' Marzu, 1994**;

2. F'din ir-risposta Carmelo Scicluna invoka l-artikolu 963(1) u (5) tal-Kap. 12;

"…..**il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa**, fil-Qorti ta' l-ewwel grad, fi żmien perentorju ta' sitt xhur, u **fil-Qorti fi grad ta' appell, fi żmien perentorju ta' sena**;

(5) ….il-kawżi, Li l-proċeduri bil-miktub tagħhom ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi, jitqiesu deżerti";

3. L-artikolu 146(1) Kap. 12 imbagħad jiddisponi illi:

"Il-proċedura bil-miktub quddiem il-Qorti fi grad ta' appell **titqies magħluqa** bit-tweġiba għall-petizzjoni, u fin-nuqqas ta' tweġiba, bl-għeluq taż-żmien mogħti għaliha", waqt illi l-artikolu 144(1) Kap. 12 jgħid:

"Il-petizzjoni għandha tkun innotifikata lill-appellat illi għandu jippreżenta t-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud **fiż-żmien ta' tnax-il jum tax-xogħol**",

liema tnax-il ġurnata jistgħu jiġu mġedda, għal darba waħda biss, għal raġuni tajba – artikolu 106 Kap. 12;

4. Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi jirriżulta li l-proċeduri bil-miktub ta' dan l-appell, kellhom jingħalqu sa l-**4 ta' Marzu, 1993**, u biex dan meta jsir, l-appellati Carmelo Scicluna u d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, kellhom jiġu nnotifikati bil-petizzjoni b'mod li sa dik id-data ta' l-**4 ta' Marzu, 1993**, huma jkunu setgħu rrispondewha fiż-żmien lilhom konċess ta' 12-il ġurnata xogħol, jew jekk jagħżlu li ma jirrispondux, f'dik id-data, ikunu skadew l-istess 12-il ġurnata;

5. Mill-kliem tal-liġi ma jistax ma jiġix ritenut illi l-appell huwa wieħed għalkemm l-appellati huma aktar minn wieħed. Il-liġi tagħmel riferenza għall-għeluq ta' parti skritta ta' l-appell u dik il-parti skritta tingħalaq bir-risposta jew risposti, skond il-każ ta' l-appellati. Hawnhekk, fil-presenza ta' pluralità ta' appellati, l-appell kellu jingħalaq wara l-aħħar risposta ta' l-appellati jew fi żmien 12-il ġurnata tax-xogħol wara n-notifika tal-petizzjoni lil dak l-appellat li kellu d-dritt li jirrispondi l-aħħar;

Dan kollu fil-konfront ta' l-appellat Carmelo Scicluna, ma sarx qabel u sa l-**4 ta' Marzu, 1993**, anzi huwa ġie nnotifikat oltre sentejn wara d-data ta' petizzjoni jiġifieri fil-**21 ta' Marzu, 1994**, u għalhekk l-appell ta' l-atturi għandu jitqies deżert, skond kif tissanzjona l-liġi.